MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2012

Rikors Numru. 149/2012

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

1. Illi il-partijiet izzewgu fis-7 ta' Novembru 1987 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt tifal li illum huma maggorenni L u D ahwa B ;

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta` kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Dottor Christine Abela tal-10 ta' Ottubru 2002 Dokument "A";

3. Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar

minn erba snin ma jghixux flimkien, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u rabtiet b'familja ohra;

5. Illi skond l-kuntratt hawn fuq citat l-intimat kien obbligat li ihallas is-somma ta' Eur 104.82 fil-gighma bhala manteniment ghall-istess tfal minuri liema manteniment issa ma ghadux dovut stante li l-tfal lahqu il-maggor eta, mentri il-partijiet skond klawsola numru 3 iddekadew mid-dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniet il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Illi l-partijiet ilhom separati legalment ghall-kwazi ghaxar (10) snin u dan kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni li gie esebit mar-rikors tar-rikorrenti bhala 'Dok A';

Illi huwa minnu li m'hemm l-ebda possiblita ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u dan stante l-fatt li r-rikorrenti ghandha rabta ma familja ohra;

Illi t-tfal tal-partijiet, li illum huma maggorenni, ilhom jghixu mal-esponent mis-sena 2003, u kwindi zgur li m'hemmx kwistjoni ta' manteniment ghat-tfal;

Illi in oltre u skond klawsola numru 3 tal-kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet iddekadew mid-dritt li jitolbu manteniment minghand xulxin;

Illi in vista ta' dan l-esponent ma jsib l-ebda oggezzjoni ghat-talba tar-rikorrenti b'dana illi l-esponent m'ghandu jbati l-ebda spejjez in konnessjoni mal-istess;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Marzu, 2012;
Semghet lir-rikorrenti tixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Ottubru 2002;

Gie ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, kif ukoll illi il-partijiet kienu iddekadew mid-dritt illi jitolbu manteniment minghand xulxin u illi it-tfal tal-partijiet illum huma maggorenni u ghalhekk ma hemm l-ebda manteniment dovut ghall-istess tfal;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------